# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 96/2018

**18 ta' Dicembru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
James Cauchi – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

### ASSENTI:

Ivan Agius – Vici-Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 96.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

96.1.1 Ma kienx hemm

## 96.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

96.2.2 Il-minuti ta' seduta numru 95 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

96.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

96.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 96.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

96.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kellha mal-kumpanija Faces u li matulha ddiskutiet bus shelters fil-lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet li kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi jigu installati bus shelters godda fi Triq Dahlet it-Tlett Ibliet, Triq Alessandra u fiz-zona maghrufa bhala Fuq San Pawl (biswit l-ufficcju tal-Maltapost).

96.3.2 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward progett ta' rigenerazzjoni li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo.

96.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi ftehim li kien intlehaq mal-Malta Basketball Association sabiex din tal-ahhar tinstalla zewg basketball bins fi spazju pubbliku li kien hemm quddiem l-iskola pubblika (primarja).

96.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'attivita' li kienet giet imtella' fl-okkazjoni tal-25 sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali u rikonoxximenti li kienu inghataw lil qraba ta' kunsilliera li kienu mietu.

96.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif sehh fis-snin precedenti, kienu ser ikunu qieghdin jiggeddu l-poloz ta' assikurazzjoni li l-Kunsill Lokali kellu.

96.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul il-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jorganizza *dinner dance* nhar id-29 ta' Dicembru 2018.

96.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien ircieva korrispondenza minghand Dr. Chris Cilia f'isem id-Dipartiment ghat-tindif u manutenzjoni, liema korrispondenza kienet relatata ma' kont pendenti allegatament dovut ghal xogholijiet mill-istess dipartiment fil-lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet li wara li ddiskutiet il-materja mas-Segretarju Ezekuttiv kienet ikkonkludiet illi l-Kunsill lokali kellu jistenna l-ezitu ta' kawza gudizzjarja qabel jasal ghal konkluzjonijiet tieghu .

**96.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

96.4.1 Ma kienx hemm.

**96.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

96.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru011/18) ghall-approvazzjoni.

96.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

96.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Novembru 2018 ghall-approvazzjoni.

96.5.4 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**96.6 Estimi Finanzjarji 2019**

96.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif mehtieg, flimkien mal-amministrazzjoni u l-accountant, kienet hadmet fuq abbozz ta' estimi finanzjarji ghas-sena 2019, liema estimi kienu gew diskussi waqt il-laqgha annwali tal-lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega d-dokument abbozzat li kien gie mpoggi fuq il-mejda ghad-diskussjoni.

96.6.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsilliera prezenti l-kontenut tad-dokument imsemmi u wiegeb mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mill-Kunsilliera Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

## 96.7 Sejhiet ghall-offerti

96.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport ta' evalwazzjoni li kien jinkludi rakkomandazzjoni ghal aggudikar ta' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal installazzjoni ta' lanterni ornamentali (KLBO05/2018). Wara li r-rapport gie mghoddi lill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo u b'votazzjoni unanima fost il-membri prezenti, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jaggudika s-sejha ghall-offerti in-kwistjoni lill-kuntrattur immarkat bl-ittra 'C' fuq id-dokument

96.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal xogholijiet fi Triq il-Gendus u Triq il-Polvrista, liema sejha ghall-offerti kienet inharget ghat-tieni darba, wara li ghalaq il-perjodu tas-sottomissjonijiet irrizulta li kien hemm offerta wahda biss. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-offerta kienet finanzjarjament ferm oghla mill-istima li kien ghamel il-Kunsill Lokali u ghaldaqstant hija kienet tal-opinjoni illi qabel ma tinbeda l-evalwazzjoni l-offert jigi avvicinat u mitlub jiddikjara jekk kiex lest illi jnaqqas l-offerta finanzjarja. Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku.

96.7.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport ta' evalwazzjoni li kien jinkludi rakkomandazzjoni ghal aggudikar ta' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghall-gbir ta' skart goff. Wara li r-rapport gie mghoddi lill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo u b'votazzjoni unanima fost il-membri prezenti, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jaggudika s-sejha ghall-offerti lill-unika offerta valida li kienet giet sottomessa.

96.7.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti numru KLBO03/2018, liema sejha ghall-offerti kienet diga' giet aggudikata, kien hemm diffikulta' marbuta mal-fatt illi l-ammont ta' sieghat li l-contracts manager kien qieghed jaghmel skont il-klawsola kuntrattwali 4.2.3 tal-kundizzjonijiet specifici ma kienux qieghdin ikunu bizzejjed sabiex il-kuntrattur ikopri x-xoghol kollu. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fl-opinjoni taghha, il-kunsill Lokali kellu skont l-istess klawsola izid in-numru ta' sieghat ta' hidma tal-kuntrattur bil-ghan illi jkun hemm sorveljanza aktar efficjenti tax-xogholijiet li jkunu ghaddejjin fil-lokalita'. Wara diskussjoni qasira, li matulha gie diskuss ix-xoghol efficjenti li kien qieghed iwettaq il-kuntrattur, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli

ssekondata mis-Sur James Cauchi u bi qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti, gie deciz illi sa tmiem il-legislatura u cioe' sal-ahhar ta' April 2019, in-numru ta' sieghat ta' hidma tal-contracts manager kellhom jitilighu minn 15 il-siegha fil-gimgha ghal 25 siegha fil-gimgha .

**96.8 Vakanza fl-amministrazzjoni**

6.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-ufficjal ezekuttiv impjegat mal-Kunsill Lokali kien issottometta r-rizenja tieghu minhabba li kien sab impjieg iehor. Ghaldaqstant kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar il-post vakanti li kienet halliet warajha r-rizenja tal-ufficjal ezekuttiv. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jibda' l-process sabiex ikun jista' jigi ingaggjat skrivan fi skala 15.

**96.9 Performance Appraisals tal-impjegati**

96.9.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghal Assistent Ufficjal Principali mmarkat bhala 'Employee A'. Is. Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tal-impjegat mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda tirrakkomanda illi l-impjegat jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli il-Kunsill unanimament qabel illi l-impjegat jinghata 6% bhala *performance bonus*.

96.9.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghal Assistent Ufficjal Principali mmarkat bhala 'Employee B'. Is. Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tal-impjegat mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda tirrakkomanda illi l-impjegat jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sa. Alison Zerafa Civelli il-Kunsill unanimament qabel illi l-impjegat jinghata 6% bhala *performance bonus*.

96.9.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghal Assistent Ufficjal Principali mmarkat bhala 'Employee C'. Is. Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tal-impjegat mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda tirrakkomanda illi l-impjegat jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli il-Kunsill unanimament qabel illi l-impjegat jinghata 6%

bhala *performance bonus*.

## 96.10 Attendenza ta' kunsilliera ghas-seduti tal-Kunsill Lokali

96.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienet ingibdiltha l-attenzjoni dwar il-fatt illi l-Kunsilliera Antonia Perini kienet naqset milli tattendi ghal aktar minn terz tas-seduti li kienu gew imsejha fi zmien sitt xhur u ghaldaqstant il-Kunsill lokali kellu skont artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali (kap 363) jinnotifika lill-Ministru responsabbli dwar il-materja.

96.10.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsilliera Perini kienet tattendi b'mod regolari ghas-seduta u c-cirkostanza rrizultat kawza tal-fatt illi l-istess Sa. Perini ma kenitx attendiet ghal tliet seduti b'urgenza li kienu inzammu fl-istess jum. Ghaldaqstant, filwaqt li jzomm mal-obbligu legali u jinforma lill-Ministru, il-Kunsill Lokali kellu jaghmel rakkomandazzjoni sabiex il-post tas-Sa. Perini ma jigix iddikjarat vakanti.

*F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta is-Sa. Antonia Perini ( 19:11)*

## 96.11 Akkumular ta' bilanċi ta' Vacation Leave tal-Impjegati għas-Sena 2019

96.11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi z-zewg assistent ufficjali principali kellhom numru ta' sieghat *vacation leave* li ma kienx ser ikun qieghed jigi utilizzat sa tmiem is-sena 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kien qieghed jigi mitlub japprova l-akkumular ta' 48 siegha *vacation leave* ghal kull impjegat mis-sena 2018 ghas-sena 2019. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-*vacation leave* kellu jigi akkumulat hekk kif propost.

## 96.12 Attivitajiet

96.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minflok festin ghat-tfal li normalment kien jigi organizzat matul Dicembru, il-Kunsill Lokali kien qieghed jikkordina biex tittella' harga edukattiva ghat-tfal gewwa Esplora. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi dwar il-materja kien hemm qbil permezz ta' posta elettronika.

96.12.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul bejn il-Kunsilliera permezz ta' posta elettronika, kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex kemm il-darba ikun possibbli fid-29 ta' Dicembru 2018 jittella' *dinner dance* gewwa l-kazin tal-banda San Gorg.

96.12.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin jingabru stimi bil-ghan illi kemm il-darba ikun possibbli matul Jannar 2019 tigi organizzata harga ghal Ghawdex. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi aktar informazzjoni kienet ser tkun qieghda tintbaghat lill-Kunsilliera hekk kif tkun disponibbli bil-ghan illi jkunu jistghu jevalwaw l-attivita' proposta u eventwalment japprovaw.

96.12.4 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jorganizza l-ikla annwali nhar is-Sibt 5 ta' Jannar 2019. Gie determinat illi l-istess ikla kellha tinzamm fi stabbiliment li kien jinstab gewwa l-Imsida.

**96.13 Tismija ta' Toroq**

96.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi l-kumitat ghat-tismija tat-toroq kien zamm laqgha mal-Kunsill Lokali li matulha gew diskussi numru ta' toroq li kien jinhtieg li jinsabilhom isem. Wara li s-Sa. Zerafa Civelli elenkat it-toroq in-kwistjoni gie deciz illi l-materja kellha tigi diskussa f'aktar dettall fis-seduta segwenti.

**96.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss**

96.14.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-7:15 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru, 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |